MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Numru 939/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Simon Galea)**

**vs**

**Shirley Rose Said**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2003**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet li permezz taghhom Shirley Rose Said 66 sena, mart Ronald imwielda Luqa fis-8 ta' Mejju 1937, bint John Anthony Naudi u Adele xebba Rizzo,

toqghod Highway Flat No 2 Msida Valley Birkirkara u bin-numru tal-karta ta' l-identita 392337M giet akkuzata:

Talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Mejju 1998 u fix-xhur u is-snin ta' qabel b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda bhala ditentur tal-fond Highway Flat No 2 Msida Valley B'Kara jew bhala persuna illi kellha f'idejha l-imsemmi fond b'mezzi qarrieqa ikkommettit serq ta' kurrent eletriku minn arlogg tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond liema serq jammonta ghal aktar minn mitt lira Maltin izda ma jeccediex l-elf lira maltin ghad-dannu tac-Chairman Enemalta Corporation liema serq hu aggravat bil-hin, valur u mezz.

W aktar talli fl-istess zmien ghamlet hsara volontarja fil-makinarju jew gumni tal-elettriku jew ikkagunat telf ta' kurrent elettriku.

W aktar talli fl-istess zmien ghamlet hsara jew kissret xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan illi l-hati jhallas l-ispejjes ta' esperti mahturin mill-Qorti skond il-Kodici Kriminali.

Semghet Provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali Dok SG3 u nnutat li l-imputata m'ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputata ammettiet l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet bl-aktar mod solenni lill-imputata rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatha ftit taz-zmien

sabiex tikkonferma l-ammissjoni taghha jew le, u wara li regghet staqsiet lill-imputata jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet wiegbet li hi hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputata kkoperat mal-Pulizija.

Innutat li fid-deposizzjoni moghtija fis-Seduta ta’ llum ix-xhud Ian Vella qal li hu rappresentant ta’ l-Enemalta Corporation fil-Finance Division u nkwntu ghall-kaz mertu ta’ din il-kawza rigwardanti l-imputata Shirley Rose Said qal li din hallset dak kollu dovut lill-korporazzjoni Enemalta rigwardanti dan il-kaz u ghalhekk il-korporazzjoni Enemalta ma ghandha ebda pretensjonijiet ulterjuri fil-konfront ta’ dan rigwardanti dan il-kaz.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c) u (f), 263(a), 264, 267, 270, 278(3), 280(2) u 326(c) u (f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Shirley Rose Said, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputata kkoperat mal-Pulizija, il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputata u dak li xehed Ian Vella fis-Seduta ta’ llum u li saret riferenza ghalih aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputata taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Shirley Rose Said l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------